MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 634/1999/1

Alfio **BORĠ**

vs

**FOGG INSURANCE AGENCIES LIMITED** u b'degriet tat-12 ta' Novembru, 1999, żdiedu l-kliem "u din in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Avon Insurance p.l.c."

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' Marzu, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur talab li l-Qorti (i) issib li l-kumpannija mħarrka għandha tinżamm responsabbli biex tagħmel tajjeb għas-somma ta' tlitt elef

u ħames mitt lira Maltin (Lm 3,500)[1], jew somma oħra xierqa, bis-saħħa tal-polza ta' assikurazzjoni *Third Party Fire & Theft*, wara li l-karozza tiegħu reġistrata SUZ – 410 ħadet in-nar fi triq fil-Ħamrun fit-22 ta' Lulju, 1998; u (ii) li tikkundanna lill-istess kumpannija tħallsu s-somma hekk likwidata bħala kumpens taħt l-imsemmija polza. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-7 ta' Mejju, 1999, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tal-attur ladarba ma ngħadx li hija kienet tħarrket fil-kwalita' tagħha ta' aġent tal-kumpannija barranija Avon Insurance p.l.c., u għalhekk messha tinħeles milli tibqa' fil-kawża. Fil-mertu, qalet li ma kienet marbuta tagħmel l-ebda ħlasijiet lill-attur. Fl-aħħarnett, laqgħet ukoll billi qalet li, f'kull każ, l-ammont ta' kumpens li l-attur jippretendi huwa eżaġerat billi, dak inhar li ħakmuha n-nirien, il-karozza tiegħu kienet tiswa ħafna anqas minn dak li jippretendi huwa, u hija tista' tkun kundannata tħallas biss kemm kienet tiswa tassew il-karozza;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Novembru, 1999[2], li bih ordnat il-bidla fil-kliem dwar il-kwalita' li fiha l-kumpannija mħarrka ddaħħlet fil-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fil-kwalita' tagħha ta' aġent ta' Avon Insurance p.l.c. fl-20 ta' Marzu, 2000, wara li kienet laqgħet in-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni kif mibdul, u li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li, f'kull każ, l-ammont ta' kumpens li l-attur jippretendi huwa eżaġerat billi l-karozza tiegħu kienet tiswa ħafna anqas minn dak li jippretendi huwa dak inhar li ħakmuha n-nirien, u hija tista' tkun kundannata tħallas biss kemm kienet tiswa tassew il-karozza;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' April, 2001[3], li bih ċaħdet talba magħmula minn John

[1] Li jġibu € 8,152.81 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 13 tal-proċess

Farruġia b'rikors tiegħu tat-8 ta' Frar, 2001, biex jitħalla jidħol fil-kawża *in statu et terminis*;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa fl-20 ta' April, 2001, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li l-attur ma kellux l-interess ġuridiku li jressaq il-kawża ladarba mill-provi ħareġ li hu ma kienx sid il-karozza assikurata. Minbarra dan, invokat ukoll l-eżoneru taħt il-polza minħabba d-dikjarazzjonijiet inveritiera u frawdolenti min-naħa tal-attur bi ksur tal-prinċipju tal-*uberrima fide*;

Rat is-sentenza *in parte* tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Mejju, 2002[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur u ħelset lill-kumpannija mħarrka milli tibqa' aktar fil-kawża;

Rat ir-rikors tal-appell imressaq mill-attur fil-5 ta' Ġunju, 2002;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 2005[5], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ħassret is-sentenza *in parte* tas-27 ta' Mejju, 2002, u bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tistħarreġ sewwa l-kwestjoni fid-dawl tal-provi ġodda li l-attur appellant ressaq f'dak l-istadju;

Rat li f'Jannar tal-2006, il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2009, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u, fuq talba tal-avukati tal-partjiet, tat żmien biex it-trattazzjoni tal-għeluq issir bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-4 ta' Awissu, 2009[6];

---

[3] Paġ. 36 tal-proċess
[4] Paġġ. 68 sa 72 tal-proċess
[5] Paġġ. 95 sa 101 *tergo* tal-proċess
[6] Paġġ. 194 – 9 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fl-20 ta' Ottubru, 2009[7], bi tweġiba għal dik imressqa mill-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għar-risarċiment taħt polza ta' assikurazzjoni. L-attur irid li l-kumpannija mħarrka tagħmel tajjeb għat-telf li ġarrab meta l-karozza tiegħu, assikurata mal-kumpannija mħarrka, ħakmuha nirien u nqerdet. Billi l-kumpannija mħarrka ma kinitx lesta tħallsu somma li biha huwa kien assikura l-karozza, fetaħ din il-kawża biex il-Qorti tikkundannaha tħallsu dik is-somma;

Illi l-kumpannija mħarrka laqgħet għal din l-azzjoni billi seħqet li hija ma kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi għaliex hija ma kienet ħarġet l-ebda polza ta' assikurazzjoni favur l-attur. Minbarra dan, laqgħet billi qalet li ma kienet marbuta tagħmel l-ebda ħlasijiet lill-attur. Fl-aħħarnett, laqgħet ukoll billi qalet li, f'kull każ, l-ammont ta' kumpens li l-attur jippretendi huwa eżaġerat billi, dak inhar li ħakmuha n-nirien, il-karozza tiegħu kienet tiswa ħafna anqas minn dak li jippretendi huwa, u hija tista' tkun kundannata tħallas biss kemm kienet tiswa tassew il-karozza. Bis-saħħa ta' Nota ta' Eċċezzjonijiet ulterjuri li ressqet f'April tal-2001, il-kumpannija mħarrka żiedet tgħid li li l-attur ma kellux l-interess ġuridiku li jressaq il-kawża ladarba mill-provi ħareġ li hu ma kienx sid il-karozza assikurata. Minbarra dan, invokat ukoll l-eżoneru taħt il-

[7] Paġġ. 202 – 9 tal-proċess

polza minħabba d-dikjarazzjonijiet inveritiera u frawdolenti min-naħa tal-attur bi ksur tal-prinċipju tal-*uberrima fide*;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fil-15 ta' Mejju tal-1998, l-attur kiseb karozza tal-għamla *Suzuki Jeep SJ410* reġistrata SUZ-410, mingħand negozjant tal-karozzi, wieħed Colin Falzon ta' *Landrover Sales* ta' Triq il-Wied, fl-Imsida[8]. Il-vettura kienet *second hand*, inbniet fl-1990, u ddaħħlet l-ewwel darba f'Malta f'April ta' l-1998[9]. Il-karozza kienet tinżamm minn zijuh, John Farruġia, li wkoll daħal fil-ftehim tal-ħlas bin-nifs man-negozjant[10]. Il-prezz li bih inxtrat il-karozza kien ta' elfejn tmien mija u ħamsin lira Maltin (Lm 2,850)[11], għalkemm fl-Att taċ-Ċitazzjoni l-attur jgħid li nxtrat għal tliet elef disa' mija u ħamsin lira Maltin (Lm 3,950);

Illi l-attur talab lill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "Fogg") tassikuralu l-vettura. Għall-ħabta ta' l-bidu ta' Mejju, 1998, l-attur ta t-tagħrif għall-mili tal-*proposal form*[12]. Fil-15 ta' Mejju, 1998, inħarġet polza ta' assikurazzjoni dwar il-vettura mal-kumpannija mħarrka bħala aġenta ta' Avon Insurance p.l.c. għal żmien ta' ftit aktar minn tliet (3) xhur sal-aħħar ta' Awissu[13]. Il-valur assikurat tal-vettura kien iffissat fis-somma ta' tlitt elef u ħames mitt lira (Lm 3,500) u l-polza kienet tal-għamla *third party fire & theft*;

Illi fil-lejl tat-22 ta' Lulju, 1998, waqt li kienet ipparkjata wara bieb id-dar ta' John Farruġia fi Triq Villambrosa, l-Ħamrun, il-vettura nħakmet min-nar u ġarrbet ħsara kbira minħabba l-qilla tan-nirien li nfirxu wkoll għal parti mid-dar ta' Farruġia. Il-karozza nqerdet u, sitt (6) ijiem wara, kienet *scrapped* għaliex ma kenitx tajba aktar biex tinsaq[14];

[8] Dokti "RM1" u "TA1", f'paġġ. 57 u 79 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Brian Farruġia 28.6.2006, f'paġ. 109 tal-proċess
[10] Dok "RM2", f'paġ. 58 tal-proċess
[11] Xhieda ta' John Farruġia 22.11.2000, f'paġ. 31 tal-proċess
[12] Dokti "RM4" u "JSS1", f'paġġ. 60 u 129 – 130 tal-proċess
[13] Dokti "AS1" u "JSS2", f'paġġ. 120 u 131 – 2 tal-proċess
[14] Dok "RM3", f'paġ. 59 tal-proċess

Illi fit-23 ta' Lulju, 1998[15], l-għada tal-inċident, l-attur ressaq talba għall-kumpens lil Fogg minħabba t-telf tal-vettura bil-ħruq. Illi, minkejja dan, fit-18 ta' Awissu, 1998[16], Fogg bagħtet avviż lill-attur biex tfakkru fit-tiġdid tal-polza u talbitu l-ħlas tal-*premium* dovut. Il-valur assikurat tal-vettura f'dak l-avviż kien ta' Lm 3,500;

Illi wara li saret it-talba mill-attur, jidher li għall-ewwel Fogg kienet lesta li tħallsu kemm kien il-valur ta' dik il-għamla ta' vettura skond il-Ktieb tal-Valuri li jinħareġ kull sena mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Assikurazzjoni[17]. L-attur ippretenda li l-kumpens ikun daqs il-valur assikurat tagħha. Wara li baqa' ma ntlaħaq l-ebda ftehim, l-attur fetaħ il-kawża f'Marzu tal-1999;

Illi, mix-xejra li ħadet il-kawża, ma hemm l-ebda dubju li l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru l-każ iduru ma' żewġ argumenti, u jiġifieri l-kwestjoni tal-interess ġuridiku tal-attur li jressaq din il-kawża u mas-siwi tal-polza tal-assikurazzjoni li nħarġet dwar il-vettura mertu tal-każ. Kien sewwasew minħabba f'hekk li l-Qorti, kif dak iż-żmien presjeduta, kienet tat sentenza preliminari dwar l-ewwel kwestjoni, liema sentenza nqalbet mill-Qorti tal-Appell wara li l-attur ressaq dokument li, mad-daqqa t'għajn, seta' jagħti 'l wieħed x'jifhem li, minkejja x-xhieda li kienet ingħatat qabel[18], huwa tassew kien sid il-vettura u li għalhekk kien xieraq li terġa' tgħaddi l-atti lura lil din il-Qorti biex tistħarreġ sewwa l-kwestjoni;

Illi għalhekk, dawn iż-żewġ kwestjonijiet jeħtieġ li jitqiesu qabel ma l-Qorti tkun f'qagħda li tgħaddi biex tqis kemm jew jekk l-attur jistħoqqlu kumpens għat-telf li ġarrab meta l-vettura nħakment bin-nirien;

Illi **dwar il-kwestjoni tal-interess fl-attur** il-Qorti tibda biex tgħid li Fogg sejset l-eċċezzjoni ulterjuri tagħha fuq l-interess **ġuridiku**, u mhux fuq il-kwestjoni tal-interess **assikurabbli** tal-attur f'din il-kawża. Kemm hu hekk, l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri, Fogg rabtitha mal-

[15] Dok "JSS4", f'paġ. 149 u 149 *tergo* tal-proċess
[16] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[17] Affidavit ta' Jonathan Schembri 13.11.2007, f'paġġ. 127 – 8 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' l-attur 31.5.2000 u ta' zijuh John Farruġia 22.11.2000, f'paġġ. 22 u 26 tal-proċess

pretensjoni li l-attur ma kellux interess ġuridiku fil-kawża minħabba li tgħid li ma kienx hu sid il-karozza assikurata;

Illi l-Qorti tifhem ir-raġuni li minħabba fiha Fogg qajmet din l-eċċezzjoni ulterjuri. L-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-parti attriċi tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża, u wkoll mill-Qorti nifisha *ex ufficio*. F'dan il-każ, l-eċċezzjoni tqanqlet minħabba li z-ziju tal-attur John Farruġia xehed għal aktar minn darba li l-vettura xtraha hu bi flusu, iżda kien fi ħsiebu jagħtiha lill-attur. Minbarra dan, intwera dokument magħmul f'Mejju tal-1999[19] (jiġifieri disa' xhur wara li l-karozza kienet inqerdet bin-nirien) li sar bejn Farruġia u Colin Falzon, fejn jittenna li l-karozza kien xtraha Farruġia bin-nifs u li l-prezz imħallas minnu kien dak ta' elfejn, tmien mija u ħamsin lira Maltija (Lm 2,850);

Illi, madankollu, mill-provi mressqin f'din il-kawża wara li l-atti kienu rinvijati lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Appell, ħareġ li l-vettura kienet reġistrata mal-awtorita' kompetenti fuq isem l-attur b'seħħ minn Ġunju tal-1998[20] u li zijuh John Farruġia ma kien qatt reġistrat bħala sidha. Dan ifisser li, għall-anqas sa minn meta l-attur kien hekk reġistrat mad-dipartiment konċernat, huwa kien is-sid magħruf mil-liġi tal-vettura in kwestjoni u l-fatt li zijuh kien qiegħed iħallasha, isuqha u jżommha għandu ma tnaqqas xejn mill-effetti legali ta' dik ir-reġistrazzjoni. Irriżulta li kien l-attur ukoll li, fit-28 ta' Lujlu, 1998, talab u kiseb it-tħassir tar-reġistrazzjoni u t-tneħħija tal-pjanċi biex il-vettura tkun *scrapped* wara li ma kenitx għadha tajba biex tinsaq wara l-ħruq;

Illi fis-sewwa, wara li ħarġet din ix-xhieda, Fogg ma jidhirx li baqgħet tisħaq wisq fuq din l-eċċezzjoni ulterjuri tagħha. Kemm hu hekk, l-ebda waħda mill-partijiet ma reġgħu ittrattaw l-imsemmija eċċezzjoni, anqas u anqas Fogg. Madankollu, minħabba li Fogg baqgħet qatt ma rtiratha formalment, il-Qorti trid tqisha, ukoll minħabba li din kienet waħda mir-raġunijiet għaliex il-Qorti tal-Appell reġgħet għaddiet l-atti tal-kawża wara li tat is-sentenza tagħha f'Novembru tal-2005;

---

[19] Dok "RM2", f'paġ. 58 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Brian Farruġia 28.6.2006, f'paġ. 110 tal-proċess

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni m'hijiex tajba. Bħala s-sid reġistrat, l-attur kellu kull jedd – u, fuq kollox, kull interess – li l-vettura tkun imħarsa. Il-polza ta' assikurazzjoni maħruġa minnu u favurih kienet għamla ta' ħarsien li kull sid jista' jitlob dwar ħwejġu, minn riskju li dik il-polza tkun tħares. Irriżulta wkoll li l-attur ħallas il-*premium* mitlub minn Fogg fis-somma mitluba;

Illi ma hemmx dubju, għal din il-Qorti, li l-interess tal-attur li jressaq din il-kawża kien f'kull waqt tagħha wieħed attwali, ġuridiku u personali. Il-Qorti tidentifika tali interess fl-interess assikurabbli tal-attur, liema interess huwa element ewlieni għas-siwi ta' kull polza ta' assikurazzjoni. F'poloz ta' assikurazzjoni ta' indennita' (bħalma hija dik li fuqha l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu) madankollu, tali interess irid ġeneralment jintwera li jkun jeżisti meta jitnissel il-kuntratt ta' assikurazzjoni, iżda jrid tabilfors jintwera meta jiġġarrab it-telf jew meta sseħħ il-ġrajja assikurata. Biex tissostanzja kif imiss l-eċċezzjoni tagħha, Fogg kellha turi fi grad tajjeb biżżejjed li l-interess fl-attur intemm f'xi żmien wara li nħarġitlu l-polza ta' assikurazzjoni;

Illi l-interess assikurabbli jitnissel meta persuna "*stands in any legal or equitable relation to the adventure or to any insurable property at risk therein, in consequence of which he may benefit by the safety of the insurable property or may be prejudiced by its loss or by damage thereto or by detention thereof, or may incur liability in respect thereof*"[21]. Din it-tifsira twassal għall-effett li l-interess irid jitqies fir-rabta bejn il-persuna assikurata u l-ħaġa suġġett tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, b'mod li m'hijiex il-ħaġa nnifisha li tiġi assikurata daqskemm ir-rabta tal-assikurat ma' dik il-ħaġa. Tali rabta tista' tkun l-interess tal-assikurat li l-ħaġa ma tinqeridx, ukoll jekk tkun qegħda titgawda minn ħaddieħor jew hu ma jkunx is-sid (waħdieni) tagħha. Dan iġib miegħu l-ħtieġa li l-interess assikurabbli jkun wieħed leġittimu, rejali u effettiv, dirett, u attwali;

[21] Art. 5(2) Marine Insurance Act, 1906

Illi huwa miżmum mill-awturi li "*Lack of interest may be raised as a defence by the insurer, but that is a defence he is slow to raise, because it is bad for the image of the industry to take what is widely perceived as a technical defence, and courts are ill-disposed to companies that take premium and then cry 'no contract'. ... If, however, a claim comes before a court, whatever the issue, and it appears to the court that the claimant lacks insurable interest, the court must take notice of it, for it affects public policy*"[22];

Illi għalkemm il-karozza kienet, b'arranġament, għaddiet f'idejn John Farruġia, ma jistax tassew jingħad li din kienet trasferita. Kif ħareġ mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorita' dwarit-Trasport, l-attur ma setax jittrasferixxi l-karozza lil terzi qabel ma jkun ħallasha u jkun ġab il-kunsens tad-*dealer* mingħand min kien xtraha. Il-pussess waħdu li Farruġia kellu fuq il-karozza ma kienx, f'dan il-każ, jikkostitwixxi trasferiment li jġib fix-xejn it-tħaddim tal-polza, l-iżjed meta l-polza nnifisha kienet tkopri sewwieqa oħra u ma ntweriex (minn Fogg) li kien hemm xi ċirkostanza partikolari jew personali fil-persuna ta' John Farruġia li twaqqa' l-polza jekk kemm-il darba din tkun taħt idejh jew misjuqa minnu;

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjonijiet ulterjuri ta' Fogg m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi Fogg qanqlet ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri tan-**nuqqas ta' siwi tal-polza minħabba d-dikjarazzjonijiet qarrieqa tal-attur**. Jidher li din l-eċċezzjoni wkoll tinbena fuq iċ-ċirkostanza ta' jekk l-attur kienx jew ma kienx sid il-vettura assikurata;

Illi l-Qorti m'hijiex sejra tidħol wisq fuq il-kwestjoni tad-duttrina marbuta ma' din l-eċċezzjoni, u dan l-iżjed għaliex hawnhekk ukoll Fogg għażlet li ma tittratta bl-ebda mod fuqha u wisq anqas ressqet xi provi li juru għaliex din il-Qorti għandha tqis li l-polza ma kenitx aktar fis-seħħ.

[22] M.A. Clarke _The Law of Insurance Contracts_ (2nd Edit, 1994) § 4. 1D, pġ. 99

Huwa minnu li ħareġ li, kemm fil-*proposal form* u kif ukoll meta ressaq it-talba għall-kumpens, l-attur ta tagħrif li donnu ma jaqbilx mal-fatti kif ġraw (fosthom dwar jekk il-karozza hijiex mixtrija bin-nifs, u jekk hijiex reġistrata fuq ismu, u b'kemm inxtrat[23]), iżda dan ma jidhirx li jaffettwa b'mod radikali s-siwi tal-polza u lanqas influwenza b'mod determinanti lil Fogg milli tqis jekk għandhiex tassikura r-riskju mitlub mill-attur;

Illi minħabba n-natura tal-kuntratt tal-assikurazzjoni, l-element tal-*uberrima fide* jgħodd għaż-żewġ partijiet kontraenti, u jiġifieri xejn anqas fuq kumpannija assikuratriċi meta tkun qiegħda teżegwixxi l-kuntratt u fit-tifsira tiegħu meta tkun qiegħda tikkunsidra talba għar-rimbors tad-dannu mġarrab mill-assikurat tagħha[24]. Għall-kuntrarju, mill-provi ħareġ li Fogg għal żmien twil kienet ittrattat kemm mal-attur u kif ukoll ma' zijuh dwar it-talba li saret taħt il-polza u saħansitra tat kumpens dwar xi ħsara mġarrba minn Farruġia fid-dar tiegħu, iżda baqgħet ma wasletx mal-attur dwar l-ammont tal-kumpens mistħoqq għall-ħsara fil-karozza, u mhux dwar jekk l-attur kienx jistħoqqlu ħlas;

Illi għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ulterjuri safejn mibnija fuq iċ-ċirkostanza msemmija ma hija tajba u l-Qorti sejra twarrabha filwaqt li ssib li l-attur jistħoqqlu jingħata kumpens taħt it-termini tal-polza skond l-ewwel talba tiegħu;

Illi ladarba issa ngħelbu dawn il-kwestjonijiet legali, jifdal biss il-**kwestjoni tal-kumpens dovut lill-attur** minħabba l-ġrajja li seħħet. Kif intwera ċar, il-qofol tal-kwestjoni kollha kienet marbuta mal-fatt li l-attur ma ried bl-ebda mod jitħarrek mill-pretensjoni tiegħu li l-kumpens mistħoqq kellu jkun daqs kemm kien il-valur asikurat tal-karozza li nħarqet, filwaqt li Fogg riedet toffrilu kumpens marbut ma' kemm kienet tiswa tassew dik il-karozza dak inhar li nqerdet bin-nirien;

---

[23] Ara paġġ. 129 u 149 *tergo* tal-proċess
[24] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Bajada e vs Middle Sea Insurance Co. Ltd.*** (mhix pubblikata)

Illi fi kwestjoni tal-prova tal-valur tal-ħaġa assikurata, il-piż li jipprova l-valur tagħha jaqa' fuq l-assikurat. Il-valur li tiegħu assikurat jingħata kumpens huwa dak li l-ħaġa kienet iġġib fuq is-suq dak inhar li ġġarrab ir-riskju assikurat[25] Għalhekk, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq is-somma assikurata waħedha bħala l-prova tal-valur tal-ħaġa assikurata dak inhar. Fl-ewwel lok, dan jingħad għaliex, intwera li l-karozza nxtrat għal somma anqas minn dik li tissemma fil-polza ta' assikurazzjoni. Fit-tieni lok, il-karozza nqerdet ftit ġimgħat wara li nxtrat, u l-attur ma weriex kif u għaliex il-valur tagħha seta' żdied wara li nxtrat u sa qabel ma nqerdet. Fit-tielet lok, l-avviż tat-tiġdid tal-polza li Fogg bagħtet lill-attur ma jista' qatt ikun ta' siwi għall-pretensjoni tiegħu li jingħata l-valur assikurat, u dan għaliex dak l-avviż intbagħatlu wara li l-karozza kienet diġa' nqerdet (u għalhekk l-oġġett tal-kuntratt tal-assikurazzjoni kien intemm) u kienet *scrapped* u l-attur kien jaf sewwa b'dan il-fatt minħabba li kien huwa nnifsu li talab it-tħassir tar-reġistrazzjoni tal-vettura. B'dan il-mod, l-avviż tat-tiġdid sar fi żmien meta l-kuntratt ta' assikurazzjoni kien diġa' xolt. Fir-raba' lok, għaliex huwa mgħallem li l-kuntratt ta' assikurazzjoni bħal dak li kien jorbot lill-attur ma' Fogg huwa wieħed ta' indenniżż, "li jfisser illi l-assikurat ma jistax taħt il-kuntratt jagħmel qligħ jew jieħu aktar minn kemm ikun tilef"[26]. Dan ifisser, għalhekk, li dak li hu rilevanti għall-kawża tallum huwa kemm kienet tiswa l-vettura fuq is-suq meta nqerdet bin-nirien, ukoll jekk setgħet kienet assikurata għal valur ogħla, u dan għaliex "il-valur ta' affezzjoni li wieħed jista' jkollu fir-rigward tal-ħaġa assikurata mhux riżarċibbli"[27];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u wkoll taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur ma wriha l-ebda raġuni tajba għaliex il-kumpens li jistħoqqlu jirċievi jmissu jkun dak li jaħseb hu. Żgur ma jistax jippretendi aktar minn kemm inxtrat il-karozza ftit xhur qabel. Min-naħa l-oħra, Fogg stqarret li hija għamlet iżjed minn offerta waħda lill-attur (ukoll fiż-żmien li kienet miexja l-kawża) u li dawn l-offerti qarrbu lejn dak li hija

[25] M.A. Clarke *Op. Cit* § 28 – 2, pġ. 727 – 9
[26] P.A. GCD **18.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Grech vs Atlas Insurance PCC Ltd*** (appellata)
[27] App. Inf. PS **4.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Camilleri vs Middlesea Insurance p.l.c.***

qieset bħala l-valur mistħoqq li l-karozza tal-attur kellha fis-suq dak inhar li nħarqet. Fogg ma wrietx lanqas li hija għaddiet biex tiddepożita s-somma li dehrilha xierqa bħala kumpens dovut lill-attur, u għalhekk dan jista' jġib ċerti konsegwenzi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kap tal-ispejjeż tal-kawża;

Illi wara li qieset l-aspetti kollha u x-xhieda mressqa, l-Qorti jidhrilha li l-kumpens mistħoqq lill-attur minħabba t-telf li ġarrab fil-karozza tiegħu għandu jkun ta' sitt elef ħames mija u għoxrin ewro (€ 6,520), li hija l-eqreb somma li Fogg innifisha tgħid li offriet lill-attur. Minħabba li l-likwidazzjoni tal-valur mistħoqq qiegħda ssir illum, l-imgħax fuq l-imsemmija somma jibda jgħaddi mil-lum;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet ulterjuri** tal-kumpannija mħarrka billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi**, u ssib li l-kumpannija mħarrka trid tagħmel tajjeb taħt il-polza ta' assikurazzjoni maħruġa dwar il-karozza tal-għamla *Suzuki Jeep SJ410* reġistrata SUZ-410, u dan billi tkopri t-telf u l-ħsara mġarrba mill-attur meta l-imsemmija karozza nħakmet bin-nar f'Lulju tal-1998;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-kumpens dovut lill-attur minħabba dik il-ġrajja fis-somma ta' sitt elef ħames mija u għoxrin ewro (€ 6,520), u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur dik is-somma, flimkien mal-imgħax legali b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;u

**Tikkundanna** lill-istess kumpannija mħarrka biex tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk marbutin mas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 2005, li jridu jitħallsu mill-attur, kif ordnat f'dik is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------